

Il-Programm ta' Ħidma għall-2018 tal-EBA

Sommarju eżekuttiv

1. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi l-EBA, il-programm ta' ħidma tal-EBA jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-għanijiet u tal-attivitajiet tal-Awtorità għal dawn is-snin li ġejjin skont il-mandat tagħha u l-ambizzjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija.
 2. L-ippjanar tal-programm ta' ħidma tal-EBA hu eżerċizzju essenzjali biex jiġi determinat il-fokus tal-ħidma tal-EBA u fejn din għandha talloka r-riżorsi tagħha, li jippermetti prijoritizzazzjoni xierqa tal-kompiti tal-EBA għall-2018. Il-programm ta' ħidma tal-EBA jinkludi l-programmi ta' ħidma annwali u dawk pluriennali tagħha.
 3. Il-programm ta' ħidma pluriennali għall-2018-2021 huwa ddefinit mill-oqsma strateġiċi li l-EBA pproponiet għas-snin li ġejjin, u jiġbor fil-qosor l-għanijiet ewlenin derivati mill-mandati speċifikati fir-Regolament u mil-leġislazzjoni tas-settur bankarju rilevanti tal-UE.
 4. Kull qasam strateġiku huwa kkomplementat bl-attivitajiet tal-programm ta' ħidma annwali li jagħtu d-dettalji tal-kompiti li għandhom jitwasslu fis-sena u r-riżorsi meħtieġa għal dak il-għan. Dawn jipprovdu trasparenza u responsabbiltà lill-partijiet ikkonċernati tal-EBA, li jservu fuq livelli interni biex jgħaqqdu x-xogħol u l-proċessi fuq bażi ta' kuljum mal-oqsma strateġiċi.
 5. L-EBA tistenna numru konsiderevoli ta' riformi leġislattivi mill-Kummissjoni Ewropea (kif huwa rifless f'dan id-dokument), li ser jaffettwaw il-ħidma ppjanata għall-2018. Dawn huma (i) reviżjoni tas-CRR u l-konsegwenzi tar-reviżjoni tal-BCBS tal-portafoll tan-negożjar, (ii) l-implimentazzjoni tat-TLAC; (iii) segwitu relatat mad-diskussjoni dwar il-proporzjonalità fil-qafas regolatorju; u (iv) mandati possibbli li jirriżultaw mil-leġislazzjoni dwar il-bonds koperti.
 6. L-EBA rċeviet ukoll mandati ġodda li diġà huma inklużi f'dan id-dokument. Dawn huma (i) mandati dwar il-qafas ta' titolizzazzjoni fil-kuntest tas-CMU, li għandhom jitwasslu fl-2019; u (ii) mandati dwar NPLs.
 7. Barra minn hekk, l-attivazzjoni tar-Renju Unit tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea beda l-proċess ta' sentejn biex ir-Renju Unit joħroġ mill-UE. L-attivitajiet tal-EBA ser jiġu affettwati u kwalunkwe bidla sostanzjali fil-programm ta' ħidma ser tiġi kkomunikata fi żmien adegwat, sabiex tfittex tmexxija u approvazzjoni mill-Bord ta' Tmexxija u mill-Bord tas-Superviżuri.
 8. Finalment, fl-oqsma tas-servizzi ta' pagament u tal-protezzjoni tal-konsumaturi, l-EBA ser tmexxi l-attenzjoni tagħha lejn il-konverġenza tal-prassi superviżorji, fir-rigward tal-Linji Gwida tal-EBA dwar is-sorveljanza u l-governanza tal-prodotti kif ukoll il-perjodu tranżitorju tal-PSD2.
-